MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 684/2006

**Talba Nru: 684/06PBC**

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Janet Calleja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sebgha u disghin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm97.94c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuta skond Client Contract Number 1002762 in rigward ghal servizzi lilha

rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Settembru 2005 u Marzu 2006.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' sebgha u disghin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm97.94c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------